

- 2) L-assenza ta' kooperazzjoni tal-fornituri preċedenti ta' persuna taxxabblu fil-katina kummerċjali mal-awtoritajiet fiskali u l-assenza ta' trasbord tal-merkanzija kkonċernata ma jikkostitwixxux, minnhom innifishom, provi oġġettivi suffiċjenti sabiex jiġi konkluż li din il-persuna taxxabblu kienet taf jew kellha tkun taf li t-tranżazzjoni invokata bħala bażi għad-dritt tagħha għal tnaqqis tat-taxxa fuq il-valur miżjud kienet involuta fi frodi fiskali. Madankollu, dawn iż-żewġ ċirkustanzi huma provi oġġettivi li jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni, fil-kuntest ta' evalwazzjoni globali tal-fatti u taċ-ċirkustanzi kollha, sabiex jiġi stabbilit jekk l-imsemmija persuna taxxabblu kinitx taf jew kellhiex tkun taf li t-tranżazzjoni invokata bħala bażi għad-dritt tagħha għal tnaqqis kienet involuta fi frodi fiskali.

(<sup>1</sup>) ĠU C 175, 10.6.2014.

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tal-11 ta' Ġunju 2015 – Faci SpA vs Il-Kummissjoni Ewropea**

(Kawża C-291/14 P) (<sup>1</sup>)

**(Appell — Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja — Artikolu 181 — Kompetizzjoni — Akkordji — Swieq Ewropej tal-istabilizzaturi tal-landa kif ukoll taż-żejt tas-sojja epoksizzat u ta' esteri — Multi — Gravità tal-ksur — Prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva — Appell manifestament inammissibbli jew manifestament infondat)**

(2015/C 320/10)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Appellanti: Faci SpA (rappreżentanti: S. Piccardo, avukat, S. Crosby, solicitor)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Castilla Contreras, J. Norris – Usher u F. Ronkes Agerbeek, aġenti)

**Dispożittiv**

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Faci SpA hija kkundannata għall-ispejjeż

(<sup>1</sup>) ĠU C 303, 08.09.2014.

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-21 ta' Mejju 2015 (talba għal deċiżjoni preliminari tan-Nejvyšší správní soud – ir-Repubblika Ċeka) – Slovenská autobusová doprava Trnava a.s. vs Krajský úřad Olomouckého kraje**

(Kawża C-318/14) (<sup>1</sup>)

**(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja — Artikoli 49 TFUE u 52 TFUE — Libertà ta' stabbiliment — Regolament (KE) Nru 1370/2007 — Trasport pubbliku permezz tal-ferrovija u bit-triq — Trasport bl-awtobus fuq ir-rotot urbani ta' trasport pubbliku — Trasportatur li għandu s-sede tiegħu fi Stat Membru ieħor u li jopera permezz ta' fergħa — Obbligju li tinkiseb awtorizzazzjoni speċjali — Setgħa diskrezzjonali tal-awtorità kompetenti — Kuntratt ta' servizz pubbliku)**

(2015/C 320/11)

Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek

**Qorti tar-rinviju**

Nejvyšší správní soud

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Slovenská autobusová doprava Trnava a.s.

Konvenuta: Krajský úřad Olomouckého kraje

**Dispożittiv**

L-Artikolu 49 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġislazzjoni ta' Stat Membru li teħtieġ lit-trasportaturi barranin biss, li jkollhom fergħa f'dan l-Istat Membru, jiksbu awtorizzazzjoni speċjali mogħtija b'mod diskrezzjonarju mill-awtoritajiet kompetenti, sabiex jeżerċitaw attività ta' trasport kollettiv urban b'rotta fuq it-territorju ta' dan l-Istat Membru biss.

<sup>(1)</sup> ĠU C 351, 06.10.2014

---

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tas-7 ta' Mejju 2015 – Adler Modemärkte AG vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), Blufin SpA**

(Kawża C-343/14 P) <sup>(1)</sup>

**(Appell — Artikolu 181 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja — Trade mark Komunitarja — Regolament (KE) Nru 40/94 — Artikolu 8(1)(b) — Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark verbali MARINE BLEU — Oppożizzjoni tal-proprjetarju tat-trade mark verbali BLUMARINE — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Paragun kunċettwali)**

(2015/C 320/12)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: Adler Modemärkte AG (rappreżentant: J.-C. Plate, avukat)

Partijiet oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: D. Walicka, aġent), Blufin (rappreżentanti: F. Caricato u F. Cicogna, avukati)

**Dispożittiv**

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Adler Modemärkte AG hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 351, 06.10.2014.